MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 719/2002

**Francis Farrugia**

**vs**

**Paul u Leon Farrugia**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u mija Liri Maltin (LM2100) rappresentanti ammont minnhom dovut ghall-fornitura ta' gwiez, skond diversi invoices lilhom moghtija u ffirmati minnhom bhala accettati (kopja taghhom hawn annessa mmarkati Dok.A);**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta' l-ittra ufficcjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-**

**imghaxijiet kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota pprezenta mill-attur datata l-25 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz taghha rriduca s-sorte minn elfejn u mija Liri Maltin (LM2100.00,0) ghall-elf u sitt mitt Lira Maltin (LM1600.00,0) stante pagament mill-konvenut Paul Farrugia fil-mori tal-kawza;**

**Semghet ix-xhieda tal-konvenut Paul Farrugia li kkonferma illi hu u l-konvenut l-iehor Leon Farrugia huma debituri tal-attur fl-ammont kif ridott fuq indikat;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi billi in vista tal-ammissjoni fuq sintetikament riprodotta tilqa' t-talba tal-attur kif ridotta u tikkundanna lill-konvenut Paul u Leon Farrugia jhallsu lill-attur Francis Farrugia l-ammont ta' elf u sitt mitt Lira Maltin (LM1600.00,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenuti.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------